Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 391 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Massimo Abela

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Massimo Abela detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 511571 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Fl-10 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tal-00.15 a.m. waqt li kien ghaddej bil-vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni MAM 555 u cioe' fi Triq l-Kosta, Bahar ic-Caghaq, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Luke Mallia detentur tal-karta tal-identita' 429183 (M) hekk kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD (Reg No 2666) tal-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f' wahda mill-idejn u dan ai termini tal-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Zammit detentrici tal-karta tal-identita' 422170 M hekk kif iccertifikat Dr. Maria Mallia tal-isptar San Luqa, liema ferita hija ta' natura hafifa u dan ai termini tal-Artikolu 226 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni JBF 681 u vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni KGY 020 u li minhabba b' hekk ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Luke Mallia detentur tal-karta tal-identita' 429183 M u offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Zammit detentrici tal-karta tal-identita' 422170 M u dan ai termini tal-Artikoli 328 (b), 328 (c), u 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, saq l-imsemmija vettura, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz u dan ai termini tal-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li Massimo Abela jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 226 (1) (a), 226 (1) (c), 328 (a) u 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' sena prigunerija effetiva.

Ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tskwalifikat lill-hati mill-licenzji tas-sewqan kollha li ghandu, u milli jikseb licenzji

tas-sewqan, ghal zmien sentejn, li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li giet b' din is-sentenza erogata. Ghal dan il-fini, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-awtorita kompetenti ghandhom jivverifikaw mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf hames mija u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€1580.15) – ekwivalenti ghas-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm678.36) li ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) mil-lum, b' dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Massimo Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati u konsegwetement TILLIBERAH minnhom;** jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-apprezzament tal-provi illi sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti u kif ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant ser jitratta l-apprezzament zbaljat illi fl-umli fehma tal-esponent ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront tal-appellant.

Illi fil-kaz odjern ghandna kaz fejn fis-sena elfejn u hamsa (2005) kien hemm incident bejn tliet (3) vetturi gewwa l-Coast Road ta' Bahar ic-Caghaq, f' liema incident hadd ma tilef hajtu. Illi wiehed jista jghid li f' dan l-incident kulma kien hemm zewg (2) xhieda okulari, u cioe' l-appellant u t-tfajla tieghu stante illi s-sewwieq tat-taxi ma rax l-incident isehh u Luke Mallia ma jiftakarx l-incident per se. Illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti trid toqghod fuq il-verzjoni ta' dawn iz-zewg (2) xhieda u r-relazzjonijiet tal-esperti. Din l-Onorabbli Qorti ghandha l-ewwel nett tapprezza l-fatt li l-esponenti appellant dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tieghu, u cioe' kemm dik li ta lill-Pulizija u kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, minn jeddu u bil-gurament. Illi filfatt, jekk din l-Onorabbli Qorti terga' tara l-atti processwali tinnota illi l-appellant dejjem tenna illi hu kien qieghed isuq lejn Bugibba, meta fil-liwja ta' Triq il-Kosta il-karozza telqet minn wara u spicca biex tilfet fil-kontroll taghha. Tant hu hekk, illi dan il-fatt u sahansitra kkorraborat mill-verzjoni, u x-xhieda ta' Joan Zammit, fejn qalet illi hi kienet passiggiera tal-appellant, u waqt li kienet qieghda titkellem fuq il-*mobile* hi hasset il-karozza sejra minn wara. Inoltre', Paul Sciberras, is-sewwieq tal-vettura tal-marka Mercedez, ukoll tenna illi wara li sar l-incident il-vettura tal-appellant bdiet timxi b' lura. Huwa minnu illi l-esperti ikkonkludew li fault mill-vettura tal-appellant ma jidhirx illi hemm, pero' hemm tliet (3) xhieda illi tennew l-istess haga rigward dan. Illi filfatt, l-appellant, meta xehed minn jeddu tenna fi kliemu stess is-segwenti:

Massimo Abela: *"ma rrisponditliex* [il-vettura] *aktar.'*

[…] *"imma x'hin qbadt il-liwja, il-karozza forsi kawza tat-tyres peress li kienet gejja mill-Japan, ma rrisponditlix izjed jigifieri."*

[…] *"l-karozza zbandatli 'l hemm u 'l hawn, ma stajtx inzommha jien."*

Illi filfatt lanqas mir-relazzjonijiet tal-esperti ma wiehed jista' jikkonstata li l-incident sehh unikament tort tal-appellant u minhabba sewqan perikoluz, traskurat u negligenti, u dan stante' illi lanqas ma rrizulta minn imkien illi s-sewwieq kien jew taht l-effett tax-xorb jew inkella kien qieghed isuq b' velocita' eccessiva. Filfatt, l-ewwel nett, jigi rilevat illi minkejja l-Ispettur Ramon Mercieca xehed li lill-esponent xammlu riha ta' xorb, dan tajjeb li jigi nnutat li qal li xammu seba' (7) sighat wara li sehh l-incident gewwa l-Isptar, filwaqt illi mit-testijiet la rrizulta li kien taht l-effett tax-xorb u lanqas is-Surgent li mar fuq il-post tal-incident ftit minuti biss wara li sehh l-incident, ma xamm riha ta' xorb; anzi tenna b' gurament li xamm l-ebda riha ta' alcohol fuq l-appellant. Dan ikkonfermah l-appellant fid-depozizzjoni tieghu stess meta gie mistoqsi domanda diretta:

Avukat: *"Int kont xurban?"*

Massimo Abela: *"Le ma kontx xurban* […] *Kont ghadni se nohrog."*

Filfatt, l-appellant ikompli jtenni fix-xhieda tieghu illi dakinhar hu kien hareg mat-tifel tieghu u marru jieklu go restaurant, u wara waslu d-dar u kien ghadu ser johrog mat-tfajla tieghu u ma' xi hbieb. Illi, ghall-kuntrarju kien is-sewwieq tal-Opel Corsa Luke Mallia li kien barra mal-hbieb, li ghalkemm ma giex identifikat jekk kienx taht l-effet tax-xorb jew le, ghax ma sarlux *breathalyser test* minhabba l-fatt li kien mitluf minn sensih, meta xehed in kontro ezami tenna li shabu qalulu li qabel l-incident hu kien maghhom barra. Barra minn hekk, fid-depozizzjoni tieghu ukoll, Luke Mallia tenna li qabel l-incident meta johrog kien jixrob mhux hazin, u filfatt minhabba l-konsegwenzi tal-incident ma setax jibqa' johrog jixrob bhalma kien qabel. Ghaldaqstant, fil-verita' hadd ma jaf ezattament min ikkawza l-incident, stante' li anke' Joan Zammit tenniet li rat l-vettura ta' Mallia tinstaq ghal fuqhom f' liwja tat-triq.

Inoltre', a rigward tal-velocita', din lanqas ma giet konstatata mill-esperti mahtura fl-inkjesta, stante' li l-ebda espert ma indika li l-appellant kien qieghed isuq b' velocita' eccessiva, jew inkella indika xi *speed* li kien ghaddej l-appellant. Filfatt kemm l-appellant u kif ukoll Joan Zammit, tennew li l-apellant kien qieghed isuq bejn wiehed u iehor bejn 50km/h u 60km/h. Illi l-appellant baqa' b' din il-verzjoni kemm fl-inkjesta, kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, bid-dovut rispett, ma kien xejn *safe and satisfactory* illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, stante' illi ma kienx sodisfacentament ippruvat illi l-incident kien ikkawzat mill-appellant u li kien qieghed isuq b' mod perikoluz, traskurat u negligent. F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti tal-Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deciz fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*):*

> Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002]…

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

*Di piu',* sabiex wiehed jinstab hati illi kien qieghed isuq b' mod negligenti hemm ezami specifiku illi ghandha taghmel il-Qorti. Illi l-ewwel u qabel kollox tajjeb illi ssir analizi tal-Legislazzjoni Maltija, u cioe' artikolu 225 tal-Kodici Kriminali li jiddetta s-segwenti:

*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87)."*

Illi ghaldaqstant, sabiex persuna tinstab hatja illi kienet negligenti irid jigi ppruvat wiehed minn dawn l-elementi: "b' nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", "nuqqas ta' hila fl-rti jew professjoni", "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Illi a rigward tal-frazi *b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni,* l-Legislatur ma ta l-ebda definizzjoni ta' wiehed x' ghandu x' jifhem IZDA ghandhom ifissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u prekawzzjoni f' certi cirkostanzi, filwaqt illi "nuqqas ta' hila fl-rti jew professjoni", "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" huma cari fl-implikazzjonijiet taghhom. Illi dan gie spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** moghtija nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) fejn gie ritenut is-segwenti:

> Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skon l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imprezia"), fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti - li tkun segwita, b' ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi permess illi, ghall-acertament tal-htija, minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe', illi fil-kaz konkret kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan, li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-

esperjenza teknika - cjoe', l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari - tghallem li f' dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ppregudikati. […]

Illi *di piu'*, il-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** moghtija fis-sitta (6) ta' Mejju 1997 deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:

***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id- disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu*

*kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Illi barra minn hekk, tajjeb illi wiehed janalizza ta' x' verament huwa l-kuncett ta' meta wiehed ghandu jkun meqjus illi qieghed isuq b'negligenza. Mill-gurisprudenza kontinentali wiehed jinnota illi jezistu zewg (2) teoriji dwar il-kuncett ta' negligenza; u cioe' it-teorija oggettiva u t-teorija suggettiva. Illi t-test illi wiehed irid jaghmel fit-teorija oggettiva huwa sabiex wiehed jistabilixxi jekk il-persuna illi hija akkuzata b'negligenza ippreveditx jew jekk setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari. *In oltre',* it-teorija suggettiva rigward in-negligenza hija imsejsa fuq il-fatt jekk wiehed kellux agir negligenti, u cioe' jekk kienx hemm nuqqas fl-alert jew vigilanza bil-limitazzjonijiet partikolari tieghu f'dak il-kaz partikolari. Illi stante' li l-Kodici Kriminali taghna huwa bbazat fuq il-Kodici Penali Taljana tal-1889, wiehed ghandu jqis illi fil-Qrati Maltin ghandha tigi applikata t-teorija suggettiva, stante' illi l-awturi Taljani dejjem uzaw dan it-test. Illi infatti Carrara jishaq illi *"Il non aver previsto le conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa.* Illi l-Antolisei fil-*Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* jkompli billi jghid:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non volute. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita".*

Illi infatti din it-teorija giet ukoll uzatha mis-Sir Mamo stante' illi fil-*Lectures in Criminal Law* jtenni li *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".*

Ghaldaqstant, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti terga' tirrevedi l-provi kollha prodotti fil-kaz odjern, stante' li umilement jirrileva illi hu ma kellux jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**B. Piena Erogata**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa rigward il-piena erogata fil-konfront tieghu. Illi ghalkemm l-appellant qieghed jirrileva illi fil-kaz odjern huwa ma kellux jinstab hati, fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti tikkonferma *in parte* jew *in toto* s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u dan minghajr ebda pregudizzju ghal dak suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija wahda sproporzjonata.

Illi l-appellant huwa persuna illi juza' l-licenzja tas-sewqan ghax-xoghol tieghu, u ghaldaqstant jekk ser ikollu l-licenzja sospiza ghal zmien sentejn huwa ser jitlef l-impjieg tieghu. Illi l-Onorabbli Qorti, jekk jidhrilha illi ghandha tinstab htija fl-appellant ma ghandhiex ghalfejn tuza' l-aspett retributtiv fuq l-appellant izda ikun aktar idoneju illi jintuza' l-aspett riformattiv. Illi jekk stess l-appellant ser ikollu l-licenzja tas-sewqan sospiza dan ser ikun ta' detriment kbir ghalih u ghaldaqstant minflok ikollu piena illi forsi tghinu jkompli miexi 'l quddiem, stante' illi l-appellant ghandu kondotta netta, dan ser jispicca jmur lura f'hajtu. In ogni caso, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-esponent umilment jirrileva illi anke' l-fatt li l-licenzja tas-sewqan tal-appellant giet sospiza ghal zmien sentejn hija wahda sproporzjonata, u ghaldaqstant jekk din l-Onorabbli Qorti xorta wahda tara li ghandha tkun sospiza l-licenzja tas-sewqan tal-appellant, din ma ghandhiex tkun ghal dak it-tul ta' zmien.

Illi barra minn hekk, bid-dovut rispett, il-piena ta' sena prigunerija effettiva fil-konfront tal-appellant hija wahda sproporzjonata u esagerata, stante' illi persuna li kienet involuta f'incident tat-traffiku, f'liema incident ma tilfet hajjitha l-ebda persuna, zgur illi ma ghandux ikun hemm piena karcerarja effettiva. Illi jekk se mai,

l-appellant jinstab hati minn din l-Onorabbli Qorti, ma ghandux ikun ikkundannat ghal piena karcerarja effettiva, meta llum il-gurnata kemm Luke Mallia u kif ukoll Joan Zammit irkupraw u komplew b'hajjithom. Illi barra minn hekk, l-esponenti appeallant umilment jirrileva illi minbarra l-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra dawn il-fatti meta giet biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, hi naqset ukoll milli tikkunsidra l-fatt li dan **l-incident sehh tnax-il (12) sena ilu, u ghaldaqstant, meta Qorti tigi biex tinfliggi piena, id-dewmien sabiex persuna tghaddi mill-process gudizzjarju ghandu jigi ikkunsidrat!**

*Di piu'*, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u

tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Finalment, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija V. George Farrugia</u>** moghtija nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn il-Qorti tenniet:

Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta lqrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."**

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam ewlieni sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta wasslet sabiex sabet htija fl-appellanti ghar-reat tal-offiza involontarja ta' natura gravi, sewqan bi traskuragini u ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti fil-konfront tieghu. Subordinatament

ghal dan l-aggravvju, l-appellanti huwa tal-fehma illi l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
Illi minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti strahet principalment fuq il-provi cirkostanzjali u indizzjarji kif ukoll dawk xjentifici kif indikati lilha mill-esperti nominati fl-*in genere*, provi li fil-fehma ta'l-istess qorti kienu jikkontrastaw mal-verzjoni moghtija mill-appellanti. Illi allura l-appellanti erronjament jikkontendi fir-rikors tieghu ta'l-appell illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha biss il-verzjonijiet tieghu u tal-passiggiera li kienet riekba mieghu meta giet ghad-decizjoni taghha dwar id-dinaika ta' dan is-sinistru stradali. Dawn il-provi cirkostanzjali jindikaw illi l-impatt sehh fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta ghal dik fejn kien qed isuq l-appellanti ftit wara liwja li hemm fi Triq il-Kosta ta' Bahar ic-Caghaq fejn sehh l-incident. Mhux biss dawn l-indizji jippuntaw lejn it-telfien fil-kontroll tas-sewqan ta'l-appellanti, li spicca fuq il-karreggjata l-opposta tat-traffiku, izda ukoll li habat fil-vetturi l-ohra involuti f'dan l-incidnt u li kienu gejjien mid-direzzjoni l-opposta b'impatt ferm qawwi tant illi l-vettura misjuqa mill-parti leza Luke Mallia giet spustjatha minn fuq it-triq tant illi spiccat waqghet sular ghal fuq il-blat.

L-appellanti jikkontendi illi huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu kagun ta' zewg fatturi u cioe' il-kundizzjoni niedja tat-triq u it-tyres tal-vettura li kien ghadu kemm xtara u li fil-fehma tieghu ma kenux tajbin ghat-triq. Dawn iz-zewg fatturi li fuqhom jistrieh l-appellanti sabiex jintenta jezonera ruhu mir-responsabbilta ghal dan is-

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

sinsitru stradali, madanakollu, ma humiex ippruvati lanqas sal-grad spettanti lilu skont il-ligi u cioe' sal-grad tal-probabbli, bl-esperti nominati fl-*in genere* jikkontendu illi fil-jum ta'l-incident huma ikkonstataw illi t-triq kienet xotta u ukoll bl-espert Joseph Zammit jikkonkludi mill-ezami li ghamel tal-vettura ta'l-appellanti illi t-tyres kienu f'kundizzjoni tajba.

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli….* [2]*"*

Dan ghaliex:

*"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti, t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f' materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.*

*… Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.* [3]*".* (sottolinjar tal-Qorti)

Kien allura jispetta lill-appellanti iressaq il-prova imqar sal-grad tal-probabbli illi meta huwa tilef il-kontroll fis-sewqan tieghu, dan ma kienx attribwibbli ghan-negligenza tieghu jew ghal sewqan perikoluz, izda konsegwenza ta' xi kawza indipendenti u barra l-kontroll tieghu. Haga li baqa' ma ghamilx u dan meta rinfaccjat b'provi indizzjarji li qed jippuntaw fid-direzzjoni tieghu.

---

[2] Ir-repubblika ta' malta vs George Spiteri – 05/07/2002 App.Sup.
[3] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

*…. id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita w jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar. Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija.*[4]"

Illi afferrati dawn il-principji dottrinali ghandu jirrizulta illi s-sewwieq li ma jirnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli illi t-telfien tal-kontroll tal-vettura sehh minhabba xi raguni indipendenti u involontarja mill-agir tieghu ghandu iwiegeb ghal akkuza ta'sewqan perikoluz u bla kont. Stabbiliti allura dawn il-fatti probatorji u issostanzjati bil-provi xjentifici kif stabbiliti mill-esperti fl-*in genere*, il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kienet wahda *safe and satisfactory* billi dawn il-provi kollha jippunta f'direzzjoni wahda u cioe' illi l-appellanti minghajr gustifikazzjoni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'konsegwenza ta'l-istess spicca fuq il-karreggjata l-opposta tat-traffiku u habat b'impatt qawwi hafna fuq iz-zewg vetturi l-ohra gejjien fil-karreggjata l-opposta tat-traffiku.  Dan kollu jindika li huwa ma kienx qed jadopera dik l-attenzjoni u prudenza fis-sewqan tieghu.

Jifdal biex jigi trattat l-ahhar aggravju sollevat mill-appellanti marbut mal-piena inflitta mill-ewwel Qorti billi iqies illi din kienet wahda eccessiva. Issa ma hemmx dubbju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri dettati fil-ligi. Dak li jikkontendi l-appellanti huwa illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva. Issa l-gudikant irid izomm fil-perspettiva tieghu meta jigi sabiex jeroga l-piena, c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, is-serjeta ta'l-akkuzi, l-konsegwenzi ta'l-agir inkriminati tal-persuna akkuzata apparti l-fatturi li jistghu iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena. Illi huwa indubitat illi l-appellanti gie misjub hati ta' offiza involontarja ta' natura gravi fejn zaghzugh korra serjament tant illi ir-rijabilitazzjoni tieghu damet zmien twil u ukoll ser jibqa' ibati ir-reperkussjonijiet fuq sahhtu x'aktarx ghal ghomru. Maghdud dan madanakollu l-Ewwel Qorti kellha tqies fatturi ohra meta giet biex tqies jekk l-appellanti setax jibbenfika minn piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva. Illi jirrizulta mill-atti illi l-parti leza Luke Mallia gie ikkumpensat ghad-danni kollha li sofra konsegwenza ta' dana l-incident stradali u

[4] *Ibid*

illum rega' qabad ir-rutina tieghu tal-hajja ghalkemm b'certu limitazzjonijiet konsegwenza ta'l-incident. L-appellanti, kif jistqarr l-Assistent Kummissarju Ramon Mercieca, li investiga dan l-incident, ikkopera bi shih mal-pulizija tul l-investigazzjonijiet u iddispjacieh ghall-akkadut. Oltre dan ghandu fedina penali kwazi nadifa ghajr ghal infrazzjoni wahda. Mhux biss izda din il-Qorti lanqas ma tista tinjora' t-trapass taz-zmien minn meta sehh dan l-incident f'Settembru tal-2005, kawza li damet ghaddejja 'il fuq minn ghaxar snin, b'dan illi illum l-appellanti immatura aktar fl-imgieba tieghu tant illi gharaf l-izball tieghu. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm il-quantum tal-piena m'ghandux jigi mittiefes, madanakollu l-prigunerija ghandha tigi sospiza fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte biss, tghaddi ghalhekk biex tirriforma d-decizjoni appellata billi tvarja biss il-piena inflitta b'dan illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi l-piena ta' sena prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti ghandha tigi sospiza ghal zmien sentejn mil-lum. Tikkonferma is-sentenza appellata fil-bqija.

Twissi lil appellanti bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

It-terminu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta'l-appellanti impost mill-Ewwel Qorti ta' sentejn kif ukoll it-terminu moghti ghal hlas ta'l-ispejjez perizja ta' sena ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur